Minuti tal-Laqgħa Nru. 61 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 28 ta' April 2009 fis-6.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Attard |
| | Is-Sinjura Emanuela Muscat |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

**Aġenda**

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Laqgha Annwali;
4. Suggerimenti mill-Kunsilliera

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 60 kienu ċirkolati u ttiehdu bħala moqrija. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm rimarki dwar il-korrettezza taghhom u peress li ma kienx hemm kummenti, ppropona li jkunu approvati. Issekondat il-Kunsillier Rose Agius u gew approvati unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar (item 2.2.1.b) Is-Segretarju qalet li kitbet lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-hanut li hemm maghluq Hal Dmikki, u r-risposta kienet li l-hwienet li hemm huma kollha mikrijin.

## 3. Laqgha Annwali

Minhabba li l-Laqgha Annwali ma saritx ghax u ma attenda ħadd minkejja li kienet avżata, il-*Budget* ma kienx hemm htiega li jigi modifikat. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill approva l-*Budget* kif gie pprezentat fil-Laqgha Nru. 60.

## 4. Suggerimenti mill-Kunsilliera

1. Is-Sindku qal li ix-xoghol tat-tarmac tal-Millieri issa avvanzat u jehtieg li jsir test tat-triq biex ikun maghruf jekk l-art hiex tajba biex tinghata t-tarmac. It-test jiswa €186 minghajr VAT. Il-Kunsill qabel li dan it-test jsir.

2. Is-Sur Abdilla qal li meta tal-Millieri ikun inghata it-tarmac nitolbu l-kuntrattur biex jaghtina l-kont halli il-Kunsill ikun jaf kif jinsab fil-finanzi. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sur Vassallo qal li Dun Karm Borg ser jghalaq 50 sena mill-ordinazjoni tieghu bhala qassis u kulhadd gie mistieden ghac-celebrazzjoni tieghu, ghalhekk issuggerixxa li Dun Karm jinghata tifkira ta' dan l-avveniment mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel.

4. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk kienetx ser tigi organizzata ikla ghal Jum l-Omm. Il-Kunsill qabel li tigi organizzata ikla.

5. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-htiega ta' rampa ghal *wheelchairs* fi Triq il-Bizzilla. Is-Sur Abdilla qal li jehtieg li noqghodu attenti biex din ir-rampa ma tkunx maghmula quddiem bieb ghal persuna diretta imma ssir f'post fejn tkun tista tintuza minn kulhadd. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jsir patching fejn il-knisja kif ukoll, Triq Santa Marija, Triq San Gorg u fejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku qal li nsterqet sleeping police minn Triq ta' Loretu u ghalhekk jinhtieg li ssir sleeping police bit-tarmac minflok dik li nsterqet. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sur Vassallo staqsa jekk il-Kunsill ghandux polza tas-sigurta biex jekk wiehed issirlu hsara b'tabella fuq karozza dan ikunx kopert. Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill ghandu polza tas-sigurazzjoni, izda l-individwu irid jghamel rapport lil-pulizija dwar l-incident dak il-hin li jkun sar.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku ressaq l-aggornament tas-Seduta fit-8.00pm ghal nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2009 fil-5.00pm, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

**Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb**

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati t-Tnejn 11 ta' Mejju 2009</u>**